Minuti tal-laqgħa numru ħmistax (15) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 17 ta' Settembru, 2025 fil-5.30pm fl-uffiċċju Amministrattiv, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Membru |
| | Is-Sur Paul Grech | Membru |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Membru |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

15.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Apoloġiji

Inqraw l-ittri ta' apoloġija tas-Sa Graziella Brincat, is-Sur Nazju Cassar, is-Sur Norbert Grech u s-Sur Terrence Sant. Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

15.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbatax** — Minuti

Il-minuti tas-seduta numru erbatax (14) kienu approvati unanimament billi kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti, b'korrezzjoni fil-kunjom tas-Sur Saviour li ġie ta preżentazzjoni fuq il-promozzjoni tiegħu fl-IT Management għas-sistema tal-ilmenti kif ukoll biex jitniżżel isem is-Sindku fejn qiegħed jipproponi li jkunu restawrati in-niċċa mal-faċċata tal-Knisja ta' Ġieżu, l-Istatwa ta' San Katald kif ukoll l-Alto Reliev ta' Sant Agata fil-Pjazza tagħha.

15.02.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, irringrazzja lis-Sa Charmaine Balzan, lis-Sur Aleander Balzan u lit-tifel tagħhom għall-kontribut tajjeb li taw f'Jum ir-Rabat 2025. — Jum ir-Rabat

Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet dwar it-*tokens* li ingħataw f'Jum ir-Rabat. Hija qalet li għas-sena d-dieħla ċ-ċertifikati jistgħu ma jingħatawx kollha f'salt, iżda jingħata wara li dak li jkun jinżel minn fuq il-palk.

15.03 **Ċedola tal-Pagamenti** — Ċedola tal-Pagamenti

Iċ-Ċedola tal-pagamenti numru 373 kienet approvata b'vot unanimu. Kien hemm qbil biex il-kontijiet kollha tal-attività kultural, Rabat Sacrum kif ukoll tal-attività minn Pjazza għal Pjazza u Jum ir-Rabat jitħallsu kollha qabel il-laqgħa li jmiss biex is-suppliers ma jdumux jistennew.

15.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi** — Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u Servizzi

Iċ-Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru 90 kienet approvat b'vot unanimu.

14.07 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż f'aċċident (Triq tal-Isqof)** — Aċċident

Ma kienetx trattata



Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

14.08 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż f'aċċident (Triq San Franġisk) Ian Cremona** Aċċident
Ma kienetx trattata

14.13 **Proposta ta' isem ta' Triq viċin Triq it-Tut** Isem ta' triq
Ma kienetx trattata

15.05 **Rabat Sacrum 2025** Rabat Sacrum
Is-Sur Rudolph Grima spjega fit-tul dwar l-attività kulturali Rabat Sacrum. Hu qal illi kollox hemm lest għas-Sibt u l-Ħadd li ġej u l-inawgurazzjoni tal-attività se tkun f'San Franġisk permezz ta' vetturi militari. Tkellem ukoll dwar majjalata li ġie deċiż dwarha illi jingħataw żewġ free tickets lill-istaff mingħajr billi jħallas għalihom il-Kunsill. Is-Sur Rudolph Grima qal li jinħtieġ illi jinħarġu passes mill-uffiċċju biex ikun hemm aċċess minn Triq San Pawl (kontra l-one way) biex jidħlu l-vetturi ta' tieġ fir-Rabat Sacrum, is-Sibt, 20 ta' Settembru, 2025 f'Ta' Ġiezu.

15.06 **Każ ta' Raphael Carabott**
Ma kienx trattat

15.07 **Restawr tal-istatwa ta' San Katald, niċċa ta' San Ġużepp u altro riliev ta' Sant' Agata**
Kienet trattata fl-agenda numru 14 (ara l-minuti)

15.08 **Applikazzjoni għall-Fond tal-Iżvilupp (Awtorità tal-Ippjanar) - Fanali f'Ta' Qasgħa u embellishment Monument Ġużeppi De Piro** Fond tal-Iżvilupp
Kien deċiż li napplikaw għall-Fond tal-Iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar biex f'Ta' Qasgħa jitwaħħlu disa' fanali tal-cast iron fuq arblu u l-fondi jkunu irkuprati minn dan il-fond. Fanali oħrajn peremezz tal-istima ta' Mica Med hemm il-ħsieb li jitwaħħlu viċin il-monument ta' Ġużeppi De Piro. Dwar dan il-fond, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li hemm ċans li jkunu irkuprati wkoll l-ispejjeż li huma intenzjonati għall-Belveder tal-Virtù.

15.09 **Aċċess Pedonali u għall-vetturi f'Dar Ħanżira** Dar Ħanżira
Is-suġġett ma kienx trattat

15.10 Punti Oħra

15.10.01 Is-Sur Paul Grech semma' każ fejn allegatament weqgħet mara fuq il-bankina ta' Triq Bużugrilla fejn l-isprayer minħabba l-istat ħażin tagħha. Kien deċiż illi inġibu stima minn tliet kuntratturi differenti u ssir ordni fuq l-istima tal-orħos kuntrattur. Bankini li jirrikjedu manutenzjoni.

15.10.02 Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku informa lill-kunsillieri illi kien sekondat magħna is-Sur Carmel Busuttil li qed ikun imqabbad jieħu ħsieb it-telefonati u wkoll l-ilmenti li jidħlu. Carmel Busuttil

15.10.03 Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq il-Clean Up li se tkun organizzata nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru, 2025 fid-Dwejra 35.906340, 14.394442 Clean up

Se jkunu qed jinxtraw l-ingwanti, il-boroż u dak kollu li hemm bżonn biex issir din il-clean up għaliex l-NGO's kollha huma infurmati u se naraw li r-Reġjun Punent jagħmel il-poster ta' promozzjoni.



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*

15.10.04 Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, tkellem dwar talba li saritlu minn Ta' Ġieżu dwar għajuna finanzjarja għat-tberik tal-annimali fil-festa ta' San Franġisk. Kien hemm qbil li dawn ikunu sapportjati minkejja li ma kienetx iffissata ċ-ċifra. — Għajnuna finanzjarja

15.10.05 Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq it-tħejjijiet għall-boroż li normalment jitqassmu fil-festa ta' San Martin tal-Baħrija. Dwar dan kien deċiż li niltaqgħu nhar l-Erbgħa, 24 ta' Settembru fl-10.00am biex ikun involut l-istaff li ma jkunx preżenti fil-għaxija. Fl-istess laqgħa se jkun qed jiġi diskuss id-dwal tat-toroq (Kbira, Saqqajja, Pjazza, Santa Rita u l-Baħrija) tal-Milied u l-attivitajiet tal-Milied fosthom anke dik li applikajna għaliha permezz tal-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali – Breakfast with Santa. Kien hemm idejat ġodda bħal sing alongs. — Boroż ta' San Martin

15.10.06 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi se jibda' x-xogħol tal-ippavimentar tal-isqaqien fosthom dak li jdawwar il-Kappella ta' Qasgħa u l-monument ta' Ġużeppi de Piro. Intant wasal fil-fażi finali l-ippavimentar tal-bankini f'Tal-Virtù, mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet. — Pavimentar tal-Isqaqien

15.10.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus laqqa' lill-Iscouts fil-preżenza tal-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u dawn ma qablux illi l-art li se tkun devoluta lilna wara ċ-ċentru tagħhom, jamministraha l-Kunsill. Lanqas qablu illi jinbnew garages u fuqhom ikun mogħti lilhom. Għaldaqstant se jkollna nikkomunikaw mad-Dipartiment tal-Artijiet biex ninghataw il-binja tal-iscouts quddiem l-eks Tattingers u jitpartu s-siti. — Scouts

15.11 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** — Aġġornament

Is-Sur Matthew Chetcuti telaq mil-laqgħa fis-7.15pm u ma kienx fadal quorum u għaldaqstant il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ottubru, 2025 fil-5.15pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22.10.25 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*